



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Jannar 2018 – QF vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-846/16)**

“Rikors għal annullament - Għajjnuna mill-Istat - Għajjnuna mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli favur ċerti ċerti klabbs tal-futbol - Rata preferenzjali applikata fil-kuntest taxxa fuq il-kumpanniji - Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern - Assenza ta' interess ġuridiku - Inammissibbiltà manifesta”

1. *Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Tħassir tal-att fil-mori tal-kawża – Rikors li ma għadx għandu skop – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*

*(Artikolu 263 TFUE)*

*(ara l-punt 18)*

2. *Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Kunċett – Rikors li jista' jagħti benefiċċju lir-rikorrent – Interess li għandu jibqa' jeżisti sal-għoti tad-deċiżjoni ġudizzjarja*

*(Artikolu 263 TFUE)*

*(ara l-punt 25)*

### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 4046 finali, tal-4 ta' Lulju 2016, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol.

### **Dispożittiv**

- 1) It-talba għal dikjarazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni hija miċħuda.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

- 3) Ma hemmx iżjed lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent tar-Renju ta' Spanja u tal-Fútbol Club Barcelona.
- 4) QF huwa kkundannat għall-ispejjeż.
- 5) QF, il-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja u l-Fútbol Club Barcelona għandhom ibatu kull wieħed l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.